# IL-BANDA NICOLO` ISOUARD

*minn Lorenzo ZAHRA*



Jidhirli li, waqt li kont qed inqalleb xi ġurnali, iltqajt ma' banda li ġġib l-isem ta' **NICOLO` ISOUARD** diġa fis-sena 1877. Iżda nifhem li b'dan l-isem kienet teżisti banda militari ta' riġment Ingliż. Ma kontx żammejt riferenza



*Mro. Anton Miruzzi, kompożitur ta' l-innu tal-Banda -* ***Inno Filarmonica Nicolo` Isouard.***

eżatta imma niftakar li kien fi żmien il-Gvernatur Straubenzee u jidhirli li kienet marbuta mar-Riġment Nru. 104.

F'nota oħra li żammejt jidher mill-ġurnal lokali, *Il-Veru Mannarinu*, li fis-sena 1897, il-banda ċivika tal-Mosta bl-isem **NICOLO` ISOUARD** kienet daqqet fil-pjazza tal-Mosta fil-festa b'innu ġdid li kantaw it-tfal mal-banda. F'dik il-festa ta' l-Assunta fil-Mosta, kienu ħadu sehem ħames baned oħra fil-festi ta' Santa Marija.

Fil-*Malta Tagħna* f'Diċembru 1905, jidher li l-banda diġa kienet twettaq xi programmi fil-festi tal-Milied fil-Mosta stess. Fil-fatt, il-banda kienet taħt is-Surmast Miruzzi, magħruf għall-ħila tiegħu, li ħejja mużika sabiħa u xejn ħafifa imma wkoll tal-widna biex il-popolin jitpaxxa bid-daqq ħlejju tagħha.

Jidher li l-programm, li sar lejlet il-Milied, kien speċjali għax il-banda daqqet biċċiet sbieħ taħt dan is-surmast tant bravu u bħall-oħrajn spiċċat bl-innu *God Save*. Il-banda diġa kienet tippossiedi l-innu magħruf tagħha, **Innu Filarmonika Nicolo` Isouard.** Sadanittant fl-1905, fil-Mosta kien hemm il-Banda Santa Marija, li daqqet ukoll fil-pjazza f'Lulju ta' l-istess sena taħt id-direzzjoni tas-Surmast Micallef.

Il-banda f'idejn is-Surmast Miruzzi kienet daqqet l-ewwel *marcia orientale*, imbagħad l-*overture* ***Mascotte***. Daqqet ukoll biċċiet mill-***Adriana***, ***Cavatina*** ta' Rossini, il-fantasija ***Arabe*** kif ukoll valz, ***Amicizia***, ta' Chetcuti. Spiċċat b'biċċa ta' Miruzzi stess, li kienet pastorali. Il-programm intemm bl-***Innu Nicolo` Isouard*** u l-*God Save.* Dan il-programm kien ippubblikat fil-ġurnal *Malta Tagħna* tat-23 ta' Diċembru 1905, billi kellu jsir għall-festi tal-Milied ta' dik is-sena.

M'għandix dubju li wħud mill-kitbiet mużikali li ndaqqu aktar minn disgħin sena ilu, għadhom merfugħa fl-arkivju tal-banda, opra sabiħa li rajt fis-sala meta s-sena l-oħra attendejt għall-okkażjoni tal-festa. Infatti ħaġa li tassew napprezza meta nżur il-każini tal-banda hi bla dubju, l-arkivju li kull banda m'għandhiex jonqos li żżomm bl-akbar apprezzament, għożża u kura.

***Riferenzi:***

*Malta Tagħna*, 23 ta' Diċembru, 1905.
*Malta Tagħna*, 02 ta' Awwissu, 1924.
*Malta Tagħna*, 18 ta' April, 1908.
*Il-Veru Mannarinu*, 1897.